MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010

Numru 537/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carlos Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ appellipprezentat mill-Avukat Generali fl-20 ta’ Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Dicembru 2010 li permezz tieghu ddifferiet il-kawza ghall-1 ta’ Frar 2011, u minflok taghti dawk id-direttivi, ordnijiet u struzzjonijiet necessarji u applikabbli fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz skond il-ligi;

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Dicembru 2010 li permezz tieghu appuntat dan l-appell ghallum;

Semghet ix-xiehda ta’ l-Ispettur James Grech;

Semghet is-sottomissjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Jason Grima ghall-Avukat Generali u ta’ l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace ghall-intimat;

Ikkunsidrat:

Mill-atti jirrizulta li fis-17 ta’ Dicembru 2010 l-intimat tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali akkuzat talli nhar-is 16 ta’ Dicembru 2010 wara 17.30 hrs. f’dawn il-Gzejjer:

(1) kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey demicoli LL.D. fil-11 ta’ Novembru 2010 f’dan li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-17:30 hrs u ma johrogx minn hemm qabel id-09:30 hrs ta’ l-ghadafilghodu waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta’ €4,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) b’hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija waqt perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D. nhar-il 24 ta’ Marzu 2010, liema sentenza sospiza giet estiza ghal sitt xhur ohra mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b’sentenza datat 23 ta’ Gunju 2010;

(3) b’hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija waqt perijodu operattiv ta’ ordni ta’ probation ghal zmien tliet snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b’sentenza datata 23 ta’ Gunju 2010;

(4) b’hekk irrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D. nhar-il 24 ta’ Marzu 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u

dan bi ksur ta’ artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Carlos Falzon u tordna l-arrest mill-gdid tieghu, kif ukoll tordna li s-somma ta’ erbat elef euro (€4,000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’dik is-seduta l-prosekuzzjoni pproduciet il-provi kollha taghha u l-ufficjal prosekutur talab li l-kawza tigi deciza dakinhar. L-ewwel Qorti ma qablitx u ddifferiet il-kawza ghall-1 ta’ Frar 2011 meta tissejjah fil-hdax.

L-appellant Avukat Generali jghid illi l-aggravju tieghu huwa illi l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza minghajr ebda raguni valida skond il-ligi, u dan kontra l-artikolu 579(3) li jistipula li l-kawzi ta’ dan it-tip ghandhom jigu decizi b’urgenza. L-appellant isostni li d-difiza ma kellha l-ebda intenzjoni tressaq xhieda tant li wara li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-provi tieghu kienu maghluqa (ghalkemm dan ma tnizzilx fil-verbal tal-Qorti), ma saret l-ebda talba ghal dan il-ghan mid-difiza.

Issa, quddiem din il-Qorti l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-prosekuzzjoni ma kellhiex u ma ghandhiex provi aktar xi tressaq. Effettivament, stante li fil-verbal tas-17 ta’ Dicembru 2010 giet indikata cara t-talba ta’ l-ufficjal prosekutur biex il-kawza tigi deciza dakinhar, huwa evidenti li l-prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

L-appellant jghid ukoll illi l-prosekuzzjoni talbet li l-Qorti taghti decizjoni fuq il-mertu tal-kaz dakinhar stess minhabba n-natura stess ta’ l-imputazzjonijiet addebitati lill-intimat u l-intenzjoni cara tal-legislatur kif tidher mis-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Dan is-subartikolu fil-fatt jipprovdi testwalment:

**“Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ xi ligi, kull persuna akkuzata b’reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)**

**ghandha tigi mressqa l-Qorti taht arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess procedimenti, titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna. Il-procedimenti ghal reat taht is-subartikolu (2) ghandhom jittiehdu mill-Pulizija u jigu decizi mill-Qorti bl-urgenza."**

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li meta kaz bhal dak in ezami jigi differit bhalma giet differita din il-kawza, l-iskop tal-ligi qieghed jigi stultifikat. L-urgenza hija wkoll konsegwenza logika tan-natura ta' l-imputazzjoni. Jekk jigi ppruvat li persuna kisret xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest, ifisser li dik il-persuna ma tistax tigi fdata. Imbaghad is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak innhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat."** Ghalhekk, sa fejn hu possibbli, kazijiet simili ghandhom jigi decizi fl-istess gurnata u, f'kull kaz, minghajr dewmien.

Barra minn hekk, peress illi dan huwa mankanti fid-digriet tas-17 ta' Dicembru 2010, huwa imperattiv li fid-digriet tad-differiment il-Qorti tindika l-iskop tad-differiment.

Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tibghat minnufih l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tirrikjama l-kawza ghal data vicina biex dakinhar jitressqu l-provi tad-difiza u/jew issir it-trattazzjoni finali sabiex dik il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------